# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 24 ta' Settembru 2001**

**Avviz. numru 1446/99**

**Numru 35**

**Untours Insurance Agency Ltd ghall-Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Carmel Galea u l-istess Carmel Galea**

**vs**

**Noel Attard**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta attrici nomine et ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas lill-Untours Insurance Agency Ltd noe Lm303.66c u lill-istanti Carmel Galea Lm23 danni subiti in segwitu ghal incident stradali li sehh fis-16 ta' April 1999 fil-Palm Beach limiti Naxxar bejn car nru GAA 862 misjuqa mill-attur Carmel Galea u car Nru CBB 472 misjuqa mill-konvenut previa dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghal incident u danni minhabba mprudenza, imperzja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi Lm11.50 ta' konsulti u ittri, dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta’ cessjoni tal-21 ta‘ Novembru 2000 li biha s-socjeta attrici nomine et cediet l-istess meritu tal-kawza pero zammu ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici nomine et sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-11 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli, lanqas llum u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu, tilqa t-talba tas-socjeta attrici nomine et in rigward l-kap tal-ispejjez u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine et l-ispejjes inkluzi Lm11.50,0 ta’ konsulti u ittri kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Ottubru 1999 imsemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg

Avviz Nru 1446/99 JAB